MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 190/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Casha**
**Josef Casha**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Casha u Josef Casha talli fil-kwalita` taghhom ta' diretturi u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta` New Horizons Ltd (C27510) b'ufficcju registrat Fliegu Street, St. Paul's Bay, u/jew bhala l-persuni li kontu inkarigati mill-istess socjeta` sabiex thallsu l-pagi dovuti, inqastu li thallsu l-pagi kollha sal-perijodu 31 ta' Dicembru 2004 fl-ammont ta' Lm1,233.50 dovuti lill-ex impjegata tas-socjeta` fuq imsemmija Olesya Kalbasova fit-tmiem tal-impieg taghha fil-31 ta' Dicembru 2004.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmijin Saviour Casha u Josef Casha jhallsu lill-persuna fuq indikata l-ammont imsemmi ghar-ragunijiet fuq specifikati;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmijin Saviour Casha u Josef Casha hatja ta’ l-imputazzjoni dedotta u lliberathom minnha;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-26 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, issib htija u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda;;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-Avukat Generali hu testwalment kif ser jinghad: “l-ewwel Qorti naqset li tisma’ l-provi b’mod li interpretat pagament ‘in speci’ bhala pagament fi flus. Illi certament il-komputagg kellu jsir b’mod normali u kull rifusjoni li kellha ssir kienet f’dawn il-proceduri irrelevanti. Infatti l-ligi tesigi pagament tas-salarju fi flus u mhux f’oggetti jew servizzi.”

Dan l-aggravju jinnecessita apprezzament mill-gdid tal-provi li jistghu jigu sintetizzati hekk:

**Ivan Spiteri**, executive officer fl-enforcement section tad-Department of Labour, xehed illi Olesya Kalbasova kienet tahdem mas-socjeta` New Horizons Ltd. u sostniet illi kien ghad baqaghlha tithallas xi pagi meta gie terminat l-impjieg taghha ma’ l-imsemmija socjeta`. Originarjament l-ammont ikkalkolat kien ta’ Lm1,233.50 kif jidher mill-ittra a fol. 5 tal-process. Gurnata qabel is-seduta pero` kien

iltaqa' ma' l-imsemmija Kalbasova u gie determinat illi l-ammont kellu jonqos b'Lm404 ghal bilanc ta' Lm729. Il-vacation leave entitlement gie kkalkolat stante li, skond ma qaltlu l-istess Kalbasova, hija kienet tahdem aktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha. Skond ix-xhud, Kalbasova qatt ma qaltlu li kienet thallset b'xi mod iehor milli fi flus.

**Olesya Kalbasova** xehdet illi ghamlet sena tahdem mas-socjeta` New Horizons Ltd. u l-pagamenti li rceviet kienu Lm104, Lm200 meta marret it-Trade Fair ir-Russja, Lm200 f'Gunju u Lm200 f'Settembru. Cahdet li kienet tibda tahdem fl-10.00 a.m. Qalet li hi kellha tahdem mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u ttardjat xi darbtejn, tlieta. Sostniet li kienet tahdem aktar minn ghoxrin siegha u lanqas kienet taf li kienet intitolata ghal-leave. Meta marret it-Trade Fair, l-ewwel marret gimaghtejn ghand il-genituri taghha. Cahdet li rceviet Lm450 li allegatament inghataw lil zewgha bhala paga taghha. Qalet li kienet impjegata bhala Sales and Marketing Manager u kienet taghmel xoghol ta' *interpreter* u *translator*. Kienet tahdem mas-Siberia fejn il-hin huwa erba' sieghat 'il quddiem minn dak ta' Malta u ghalhekk ma kienx jaghmel sens li tibda tahdem aktar tard mid-9.00 a.m.

**L-appellat Saviour Casha** xehed illi Olesya Kalbasova bdiet tahdem f'nofs Jannar u l-accountant bi zball hargilha l-paga ghax-xahar kollu. Fil-fatt huwa spjega dan lil Kalbasova u talabha troddlu Lm50 kif fil-fatt ghamlet. Qabel ma marret ir-Russja taha pagament ta' Lm200 u Lm300 fi flus kontanti ghall-ispejjez. Huwa qal li kieku talbitu leave ufficjali kien jghidilha li m'hemmx ghalfejn issaqsi ghax billi kienet part-time setghet taghmel li riedet. Meta giet lura, radditlu 510 euro u, mir-rendikont li tatu (esebit a fol. 11) irrizulta li mis-somma totali ta' Lm500 li kien taha, hija kienet zammet, ossia uzat ghaliha, 332 euro ekwivalenti ghal Lm139. Imbaghad ghamel zewg pagamenti ohra ta' Lm200 il-wiehed f'Gunju u f'Settembru. Kien hemm granet meta ma dahlitx ghax-xoghol u inoltre qatt ma oggezzjonalha li tidhol wara d-9.00 a.m. peress illi ma kinitx obbligata tidhol fid-9.00 a.m. Meta impjegaha fil-bidu kien impjegaha biex tahdem mill-10.00 a.m. sas-1.00 p.m. ghall-hlas ta' Lm20 fil-gimgha. Izda kellmu l-boyfriend

taghha (illum zewgha) li qallu li se jkollha thallas il-bolla u talbu jhallasha aktar u jzidilha l-hin. L-appellat qallu li ma kellux bzonnha kmieni x-xoghol peress illi l-hin ta’ Moska kien aktar ‘il quddiem minn taghna izda jekk riedet setghet tibqa’ wara s-siegha – haga li, skond l-appellat, qatt ma ghamlet ghax mas-12.45 p.m. kienet tkun lesta biex jghaddi ghaliha l-boyfriend. Pero` accetta li jhallasha Lm25 fil-gimgha. Ma kinitx tahdem aktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha. L-appellat jghid illi ma kinitx sejra tajjeb mal-manager l-ufficcju u ried ikecciha izda huwa zammha ftit iehor bir-responsabbilta` tieghu personali ghall-hlas tal-paga taghha. Izda l-boyfriend taghha, Pierre Darmanin, beda jilmenta li ma kinitx qed tigi trattata sew u kellhom xi jghidu u spicca biex tkeccew kemm Darmanin kif ukoll l-imsemmija Kalbasova. L-appellat jghid illi Darmanin kien qallu li Kalbasova kien ghad jonqosha tithalls Lm480. Huwa baghtilha ma’ Darmanin Lm450. Sussegwentement talbuh il-kumplament izda ma qalulux kemm. L-appellat qal illi mill-Lm25 fil-gimgha kien inaqqsilha Lm5 biex ihallsilha l-bolla u Lm5 kien johroghom hu. Biex il-bolla tithallas lid-Dipartiment, Kalbasova trid tiffirmalu xi dokumenti izda dan qatt ma ghamlitu u allura l-hlas lid-Dipartiment ghadu ma sarx. Huwa rrefera ghall-ittra li baghat fit-22 ta’ April 2005 lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg fejn elenka l-pagamenti kollha li kien ghamel. Huwa enfasizza li Kalbasova ma kinitx tahdem ghal aktar minn ghoxrin siegha fil-gimgha. Inoltre spjega li anke jekk ghall-grazzja tal-argument hija kienet tahdem mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m., suppost ghal perijodu ta’ 48 gimgha (Frar sa Dicembru) hija hadmet 960 siegha. Minn dan il-perijodu huwa naqqas 104 siegha li ma hadmitx li jfisser 856 siegha xoghol u li ghalhekk, skond hu, ma jintitolahiex ghal-leave u ghall-bonuses.

L-ewwelnett huwa relevanti fil-kaz in ezami l-Avviz Legali 427 tas-sena 2002 imsejjah Regolamenti dwar Impjegati Part-Time, u specifikatament is-subinciz (1) tar-Regolament numru sitta (6) li jiddisponi hekk:

**“Dawk l-impjegati *part-time*, li l-impieg taghhom *part-time* hu l-impieg principali taghhom, u li huma**

**impjegati f'tali impieg *part-time* ghal mhux inqas minn ghoxrin siegha fil-gimgha, ghandhom ikunu intitolati *pro rata* ghall-**

**(a) vaganzi pubblici kollha u ghall-*leave* annwali ghal vaganzi, *leave* ghal mard, *leave* ghat-twelid, *leave* f'kaz ta' mewt, *leave* ghaz-zwieg u *leave* ghall-korriment fuq ix-xoghol, applikabbli skond il-kondizzjonijiet ta' impieg rikonoxxuti u ta' tali *leave* iehor stabbilit bis-sahha ta' l-Att;**

**(b) xi dritt ghal *bonuses* statutorji u supplementi ta' dhul ohra li jkunu intitolat ghalihom impjegati *whole-time* komparabbli fuq xoghol simili ma' l-istess principal skond il-kondizzjonijiet tax-xoghol rikonoxxuti applikabbli ghalihom …."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan ifisser li l-imsemmi regolament numru sitta (6) jiskatta fil-kaz ta' persuna impjegata *part-time* minn ghoxrin siegha 'l fuq. Biex ma jiskattax, id-duratura ta' l-impieg trid tkun ta' taht l-ghoxrin siegha fil-gimgha. Dan qieghed jinghad peress illi jidher li l-appellat huwa taht l-impressjoni li sa ghoxrin siegha ma jiskattax l-imsemmi Regolament.

Issa, mix-xiehda mismugha u minn ezami tad-dokumenti esibiti, din il-Qorti tikkonkludi: li l-hinijiet ufficjali tax-xoghol ta' Olesya Kalbasova kienu mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.; li l-paga taghha kienet Lm25 fil-gimgha li minnhom Lm5 kellhom jitnaqqsu bhala sehemha mill-kontribuzzjoni ghas-sigurta` socjali; li hija ma kinitx tithallas in speci; li Olesya Kalbasova ma hija intitolata ghal ebda hlas ghal *vacation leave entitlement* peress illi matul il-perijodu li hadmet mas-socjeta` New Horizons Ltd. hadet numru ta' sieghat ta' *leave* ftit in eccess mis-96 siegha msemmija fl-ittra tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg; li r-rendikont fl-ittra ta' l-appellat tat-22 ta' April 2005 lid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impjieg huwa korrett, salv li kull ma hija intitolata ghalih l-imsemmija Kalbasova huwa parti mill-*bonuses* li qieghed jigi stabbilit minn din il-Qorti fis-somma ta' Lm98.36. Minn

din is-somma trid titnaqqas is-somma ta’ Lm29 indikati fl-ittra msemmija ta’ l-appellat bhala *“overpaid”*, jigifieri bilanc ta’ Lm69.36. Fl-ahharnett qed jigi determinat li r-responsabbilta` taqa’ unikament fuq l-appellat Saviour Casha. Naturalment id-drittijiet ta’ l-imsemmija Kalbasova li jithallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurta` socjali ghall-perijodu kollu li damet impjegata mas-socjeta` New Horizons Ltd. jibqghu impregudikati.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellat Josef Casha hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u minnha lliberatu, tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat Saviour Casha hati ta’ l-istess imputazzjoni u minflok tiddikjarah hati talli fil-kwalita` tieghu ta’ direttur u/jew rapprezentant guridiku tas-socjeta` New Horizons Ltd. (C27510) b’ufficcju registrat Fliegu Street, St. Paul’s Bay u/jew bhala l-persuna nkarigata mill-istess socjeta` sabiex ihallas il-paga dovuta, naqas li jhallas lil Olesya Kalbasova s-somma ta’ Lm69.36 fit-tmiem ta’ l-impjieg taghha fil-31 ta’ Dicembru 2004 u, wara li rat l-artikoli 5, 15 u 45 tal-Kap. 452 u r-Regolament 6 ta’ l-Avviz Legali 427 tas-sena 2002, u wara li qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, inkluz li hawn si tratta ta’ ammont li jista’ jigi kkunsidrat bhala *de minimis*, tiddeciedi billi, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imsemmi Saviour Casha ghall-hlas ta’ multa ta’ Lm10 u tordna li jhallas lill-imsemmija Olesya Kalbasova s-somma ta’ Lm69.36.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------